REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/386

tal-11 ta' Marzu 2019

li jistabbilixxi r-regoli f'dak li jirrigwarda t-tqassim tal-kwoti tariffarji għal ċerti prodotti agrikoli inklużi fl-iskeda tad-WTO tal-Unjoni wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u f'dak li jirrigwarda l-liċenzji tal-importazzjoni maħruġa u d-drittijiet tal-importazzjoni allokati fil-qafas ta' dawk il-kwoti tariffarji

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-punti (a) u (c) tal-Artikolu 187 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2019/216 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jipprevedi li l-kwoti tariffarji inklużi fl-iskeda tal-konċessjonijiet u tal-impenji tal-Unjoni annessa mal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 għandhom jitqassmu bejn l-Unjoni u r-Renju Unit fuq il-bażi tas-sehem tal-użu tal-kwota tal-UE-27 li jidher fl-Anness ta' dak ir-Regolament.

(2) B'riżultat ta' dan, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri sabiex jiġi implimentat it-tqassim tal-kwoti tariffarji rilevanti għal ċerti prodotti agrikoli li jidhru fil-Parti A tal-Anness tar-Regolament (UE) 2019/216. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi stabbilit li l-kwantitajiet tal-kwoti tariffarji li jidhru fir-Regolamenti li jifthu l-kwoti tariffarji rispettivi jiġu sostitwiti bil-kwantitajiet il-ġodda li jirriżultaw mit-tqassim li qed jiġi implimentat b'dan ir-Regolament.

(3) Fi ħdan ċerti kwoti tariffarji inklużi fl-iskeda tal-konċessjonijiet u tal-impenji tal-Unjoni annessa mal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 xi kwantitajiet ġew allokati lil pajjiżi terzi partikolari bħala parti mill-impenji internazzjonali tal-Unjoni. Għalhekk jeħtieġ li dawk il-kwantitajiet speċifikament allokati jitqassmu bejn l-Unjoni u r-Renju Unit fuq il-bażi tat-tqassim li jidher fir-Regolament (UE) 2019/216 u filwaqt li jitqiesu l-flussi kummerċjali storiċi bejn dawk il-pajjiżi terzi, l-Unjoni u r-Renju Unit.

(4) Billi l-jum li fih possibbilment jibda japplika l-Artikolu rilevanti tar-Regolament (UE) 2019/216 x'aktarx se jkun jum li jaqa' f'perjodu tal-kwota li jkun diġà beda, jeħtieġ li jiġu previsti regoli speċifiċi għall-implimentazzjoni tat-tqassim għall-kwantitajiet li jkunu għadhom ma ġewx allokati dakinhar għall-kwoti tariffarji li fir-rigward tagħhom il-perjodu tal-kwota jibda qabel il-jum li fih jibda japplika l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2019/216 u jintemm wara dak il-jum. Madankollu, f'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li l-kwantitajiet tal-kwota tariffarja mqassma ma jaqbżux il-kwantitajiet il-ġodda disponibbli għall-EU-27 kif jidhru f'dan ir-Regolament għal kull kwota tariffarja ġestita bil-metodu ta' eżami simultanju, filwaqt li jitqiesu l-kwantitajiet allokati fl-Istati Membri minbarra r-Renju Unit qabel il-jum li fih jibda japplika l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2019/216.

(5) Sabiex ikunu żgurati ċ-ċertezza legali u t-trasparenza għall-operaturi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippubblika l-kwantitajiet li jkunu disponibbli wara t-tqassim ta' dawk il-kwoti tariffarji fi żmien jumejn tax-xogħol mill-jum li fih jibda japplika l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2019/216.

(6) Jeħtieġ ukoll li jiġu stabbiliti r-regoli dwar il-validità tad-drittijiet u tal-obbligi li jirriżultaw mil-liċenzji tal-importazzjoni maħruġa u mid-drittijiet tal-importazzjoni allokati mill-awtoritajiet tal-ħruġ tal-liċenzji tar-Renju Unit jew mill-awtoritajiet tal-ħruġ tal-liċenzji ta' Stati Membri oħra.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2019/216 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Jannar 2019 dwar it-tqassim tal-kwoti tariffarji inklużi fl-iskeda tad-WTO tal-Unjoni wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 32/2000 (ĠU L 38, 8.2.2019, p. 1).

(7) Sabiex ikun żgurat li mill-jum li fih jibda japplika l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2019/216 ikunu biss l-operaturi stabbiliti fl-Unjoni li jwettqu l-importazzjonijiet fil-qafas tal-kwoti tariffarji inklużi fl-iskeda tal-konċessjonijiet u tal-impenji tal-Unjoni annessa mal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994, jeħtieġ li tkun prevista regola speċifika dwar il-validità tal-liċenzji tal-importazzjoni u tad-drittijiet tal-importazzjoni ttrasferiti lil operaturi stabbiliti fir-Renju Unit u li sa dak il-jum ma jkunux intużaw.

(8) Fl-interess taċ-ċertezza legali u tat-trasparenza għall-operaturi, jenħtieġ li jiġi ċċarat li, ħlief meta l-liċenzji tal-importazzjoni jkunu nħarġu u d-drittijiet tal-importazzjoni jkunu ġew allokati mill-awtoritajiet tal-ħruġ tal-liċenzji fir-Renju Unit, ir-regoli tal-Unjoni li jkunu fis-seħħ fir-rigward tad-drittijiet u tal-obbligi li jirriżultaw mil-liċenzji tal-importazzjoni u mid-drittijiet tal-importazzjoni, inklużi dawk li jikkonċernaw it-titoli, jibqgħu japplikaw. Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar il-liċenzji tal-importazzjoni ttrasferiti lil operaturi stabbiliti fir-Renju Unit.

(9) Il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri dwar il-konsultazzjonijiet bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tat-Tajlandja skont l-Artikolu XXIII tal-GATT ([3]), approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/317/KE ([4]), jipprevedi l-ftuħ ta' kwota tariffarja annwali awtonoma addizzjonali ta' 10 500 tunnellata ta' lamtu tal-manjoka, li minnhom 10 000 tunnellata huma riżervati għat-Tajlandja u 500 tunnellata huma disponibbli għall-pajjiżi terzi kollha. Għall-finijiet ta' ġestjoni, dawk il-500 tunnellata żdiedu mal-kwota tariffarja tad-WTO bin-numru tal-ordni 09.0132 (lamtu tal-manjoka tal-kodiċi tan-NM 1108 14 00), li jeħtieġ li titqassam minħabba l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni. Fid-dawl ta' dan, il-kwota tariffarja ta' 500 tunnellata (lamtu tal-manjoka bil-kodiċi tan-NM 1108 14 00) jeħtieġ li tiġi sseparata mill-kwantitajiet li jridu jitqassmu b'riżultat tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u għaldaqstant jenħtieġ li tkun disponibbli b'numru tal-ordni separat.

(10) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika mill-jum li fih jibda japplika l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2019/216.

(11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Tqassim tal-kwoti tariffarji

1. Il-kwoti tariffarji għal ċerti prodotti agrikoli inklużi fl-iskeda tal-konċessjonijiet u tal-impenji tal-Unjoni annessa mal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 għandhom jitqassmu bejn l-Unjoni u r-Renju Unit kif ġej:

(a) il-kwantitajiet imqassma tal-kwoti tariffarji ġestiti bil-metodu ta' eżami simultanju għandhom ikunu kif jidhru fl-Anness I;

(b) il-kwantitajiet imqassma tal-kwoti tariffarji ġestiti bil-metodu ta' "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel" għandhom ikunu kif jidhru fl-Anness II.

2. Il-kwantitajiet tal-kwoti tariffarji li jidhru fir-Regolamenti li jifthu l-kwoti tariffarji msemmija fl-Annessi I u II ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu sostitwiti bil-kwantitajiet li jidhru fit-tielet kolonna ta' dawk l-Annessi.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, f'każ li għal kwota tariffarja l-perjodu tal-kwota jibda qabel il-jum li fih jibda japplika l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2019/216 u jintemm wara dak il-jum, it-tqassim tal-kwota tariffarja kkonċernata għandu jsir bl-applikazzjoni tal-perċentwal tal-EU-27 għall-kwantitajiet ta' dik il-kwota tariffarja disponibbli wara l-aħħar allokazzjoni. Filwaqt li jitqiesu l-kwantitajiet allokati fl-Istati Membri minbarra r-Renju Unit għal kull tali kwota tariffarja fl-istess perjodu tal-kwota qabel il-jum li fih jibda japplika l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2019/216, il-kwantitajiet tal-kwoti tariffarji mqassma ma għandhomx jaqbżu l-kwantitajiet li jidhru fit-tielet kolonna tal-Anness I ta' dan ir-Regolament għal kull kwota tariffarja ġestita bil-metodu ta' eżami simultanju.

Fi żmien jumejn tax-xogħol mill-jum li fih jibda japplika l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2019/216, il-Kummissjoni għandha tippubblika, permezz ta' pubblikazzjoni xierqa fuq l-Internet, il-kwantitajiet disponibbli għal kull kwota tariffarja msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu fil-jum li fih jibda japplika l-Artikolu 1(2) ta' dak ir-Regolament.

([3]) ĠU L 122, 22.5.1996, p. 16.
([4]) ĠU L 122, 22.5.1996, .p. 15.

Artikolu 2

Liċenzji tal-importazzjoni maħruġa u drittijiet tal-importazzjoni allokati qabel ma jibda japplika l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2019/216

1. Id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mil-liċenzji tal-importazzjoni maħruġa u mid-drittijiet tal-importazzjoni allokati mill-awtoritajiet tal-ħruġ tal-liċenzji tar-Renju Unit fil-qafas tal-kwoti tariffarji msemmija fl-Annessi I u II ta' dan ir-Regolament għandhom jiskadu fl-Unjoni malli jibda japplika l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2019/216.

2. Id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mil-liċenzji tal-importazzjoni maħruġa u mid-drittijiet tal-importazzjoni allokati mill-awtoritajiet tal-ħruġ tal-liċenzji tal-Istati Membri minbarra r-Renju Unit fil-qafas tal-kwoti tariffarji msemmija fl-Annessi I u II ta' dan ir-Regolament għandhom jibqgħu validi fl-Unjoni.

Madankollu, f'każ li qabel ma jibda japplika l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2019/216 it-tali liċenzji jkunu ġew ittrasferiti lil operaturi stabbiliti fir-Renju Unit, id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn dawk il-liċenzji għandhom jiskadu fl-Unjoni malli jibda japplika l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2019/216.

Artikolu 3

Emenda tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1085/2010

Fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1085/2010 ([5]) tiżdied il-linja l-ġdida li ġejja:

Numru tas-serje/tal-ordni	Kodiċijiet NM/Prodott	Oriġini	Dazju doganali	Kwota tariffarja annwali (f'tunnellati, piż nett)
"09.0135	1108 14 00 Lamtu tal-manjoka	Il-pajjiżi terzi kollha	Id-dazju applikabbli huwa ugwali għal dak tan-nazzjon l-iktar vantaġġat (id-dazju MFN) fis-seħħ imnaqqas b'EUR 100 għal kull tunnellata	500"

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-jum li fih jibda japplika l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2019/216.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Marzu 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1085/2010 tal-25 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi kwoti tariffarji annwali u mod għall-ġestjoni tagħhom għall-importazzjoni tal-patata ħelwa, tal-manjoka, tal-lamtu tal-manjoka u ta' prodotti oħra rilevanti għal kodiċijiet NM 0714 90 11 u NM 0714 90 19 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1000/2010 (ĠU L 310, 26.11.2010, p. 3).

ANNESS I

Kwoti tariffarji ġestiti bil-metodu tal-eżami simultanju bil-liċenzji

Numru tal-Ordni tal-kwota tariffarja	Bażi legali/Regolament tal-Ftuħ	Kwantità ġdida għall-EU-27	Sehem tal-kwota tal-EU-27 [1]
09.4451	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 593/2013 [2]	2 481 tunnellata	34,7 %
09.4450	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 593/2013	16 936 tunnellata	99,6 %
	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 593/2013	12 453 tunnellata	100 %
09.4452	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 593/2013	2 022 tunnellata	87,9 %
	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 593/2013	3 584 tunnellata	87,9 %
09.4002	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 593/2013	11 481 tunnellata	99,8 %
09.4455	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 593/2013	711-il tunnellata	71,1 %
09.4454	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 593/2013	846 tunnellata	65,1 %
09.4453	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 593/2013	8 951 tunnellata	89,5 %
09.4003	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 431/2008 [3]	43 732 tunnellata	79,7 %
09.4001	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 593/2013	1 405 tunnellati	62,4 %
09.4004	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 593/2013	200 tunnellata	100 %
09.4057	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 412/2008 [4]	15 443 tunnellata	30,9 %
09.4058	Ir-Regolament (KE) Nru 412/2008	4 233 tunnellata	30,9 %
09.4020	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 748/2008 [5]	800 tunnellata	100 %
09.4460	Ir-Regolament (KE) Nru 748/2008	700 tunnellata	100 %
09.4038	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 442/2009 [6]	12 680 tunnellata	36 %
09.4170	Ir-Regolament (KE) Nru 442/2009	1 770 tunnellata	36 %
09.4282	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1585 [7]	Is-sena 2020: 55 548 tunnellata Is-sena 2021: 68 048 tunnellata Mill-2022: 80 548 tunnellata [8]	100 %
09.4067	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 533/2007 [9]	4 054 tunnellata	64,9 %
09.4068	Ir-Regolament (KE) Nru 533/2007	8 253 tunnellata	96,3 %
09.4069	Ir-Regolament (KE) Nru 533/2007	2 427 tunnellata	89,7 %
09.4410	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1385/2007 [10]	14 479 tunnellata	86,7 %
09.4411	Ir-Regolament (KE) Nru 1385/2007	4 432 tunnellata	86,9 %

Numru tal-Ordni tal-kwota tariffarja	Bażi legali/Regolament tal-Ftuħ	Kwantità ġdida għall-EU-27	Sehem tal-kwota tal-EU-27 (1)
09.4412	Ir-Regolament (KE) Nru 1385/2007	2 868 tunnellata	86,9 %
09.4070	Ir-Regolament (KE) Nru 533/2007	1 781 tunnellata	100 %
09.4420	Ir-Regolament (KE) Nru 1385/2007	4 227 tunnellata	86,1 %
09.4421	Ir-Regolament (KE) Nru 1385/2007	597 tunnellata	85,3 %
09.4422	Ir-Regolament (KE) Nru 1385/2007	2 121 tunnellata	85,3 %
09.4169	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 536/2007 (11)	21 345 tunnellata	100 %
09.4211	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 616/2007 (12)	129 930 tunnellata	76,1 %
09.4212	Ir-Regolament (KE) Nru 616/2007	68 385 tunnellata	73,8 %
09.4213	Ir-Regolament (KE) Nru 616/2007	824 tunnellata	99,5 %
09.4217	Ir-Regolament (KE) Nru 616/2007	89 950 tunnellata	97,5 %
09.4218	Ir-Regolament (KE) Nru 616/2007	11 301 tunnellata	97,5 %
09.4214	Ir-Regolament (KE) Nru 616/2007	52 665 tunnellata	66,3 %
09.4215	Ir-Regolament (KE) Nru 616/2007	109 441 tunnellata	68,4 %
09.4216	Ir-Regolament (KE) Nru 616/2007	8 471 tunnellata	74 %
09.4251	Ir-Regolament (KE) Nru 616/2007	10 969 tunnellata	69,4 %
09.4261	Ir-Regolament (KE) Nru 616/2007	236 tunnellata	69,4 %
09.4252	Ir-Regolament (KE) Nru 616/2007	59 699 tunnellata	94,9 %
09.4254	Ir-Regolament (KE) Nru 616/2007	8 019-il tunnellata	57,3 %
09.4260	Ir-Regolament (KE) Nru 616/2007	1 669 tunnellata	59,6 %
09.4253	Ir-Regolament (KE) Nru 616/2007	163 tunnellata	55,3 %
09.4255	Ir-Regolament (KE) Nru 616/2007	1 162 tunnellata	55,3 %
09.4262	Ir-Regolament (KE) Nru 616/2007	260 tunnellata	55,3 %
09.4257	Ir-Regolament (KE) Nru 616/2007	0 tunnellati	0 %
09.4256	Ir-Regolament (KE) Nru 616/2007	8 572 tunnellata	63,5 %
09.4263	Ir-Regolament (KE) Nru 616/2007	159 tunnellata	72,1 %
09.4258	Ir-Regolament (KE) Nru 616/2007	300 tunnellata	50 %
09.4264	Ir-Regolament (KE) Nru 616/2007	0 tunnellati	0 %
09.4259	Ir-Regolament (KE) Nru 616/2007	278 tunnellata	46,4 %

Numru tal-Ordni tal-kwota tariffarja	Bażi legali/Regolament tal-Ftuħ	Kwantità ġdida għall-EU-27	Sehem tal-kwota tal-EU-27 (1)
09.4265	Ir-Regolament (KE) Nru 616/2007	58 tunnellata	46,4 %
09.4015	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 539/2007 (13)	114 669 tunnellata	84,9 %
09.4401	Ir-Regolament (KE) Nru 539/2007	7 000 tunnellata	100 %
09.4402	Ir-Regolament (KE) Nru 539/2007	15 500 tunnellata	100 %
09.4590	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2535/2001 (14)	68 536 tunnellata	99,998 %
09.4599	Ir-Regolament (KE) Nru 2535/2001	11 360 tunnellata	100 %
09.4182	Ir-Regolament (KE) Nru 2535/2001	21 230 tunnellata	63,2 %
09.4195	Ir-Regolament (KE) Nru 2535/2001	25 947 tunnellata	63,2 %
09.4591	Ir-Regolament (KE) Nru 2535/2001	5 360 tunnellata	100 %
09.4592	Ir-Regolament (KE) Nru 2535/2001	18 438 tunnellata	100 %
09.4593	Ir-Regolament (KE) Nru 2535/2001	5 413-il tunnellata	100 %
09.4594	Ir-Regolament (KE) Nru 2535/2001	11 741 tunnellata	58,7 %
09.4515	Ir-Regolament (KE) Nru 2535/2001	1 670 tunnellata	41,7 %
09.4522	Ir-Regolament (KE) Nru 2535/2001	500 tunnellata	100 %
09.4595	Ir-Regolament (KE) Nru 2535/2001	14 941 tunnellata	99,6 %
09.4514	Ir-Regolament (KE) Nru 2535/2001	4 361 tunnellata	62,3 %
09.4521	Ir-Regolament (KE) Nru 2535/2001	3 711-il tunnellata	100 %
09.4596	Ir-Regolament (KE) Nru 2535/2001	19 525 tunnellata	100 %
09.4104	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 341/2007 (15)	13 403 tunnellati	100 %
09.4099	Ir-Regolament (KE) Nru 341/2007	5 744 tunnellata	100 %
09.4105	Ir-Regolament (KE) Nru 341/2007	28 389 tunnellata	84,1 %
09.4100	Ir-Regolament (KE) Nru 341/2007	12 167 tunnellata	84,1 %
09.4106	Ir-Regolament (KE) Nru 341/2007	2 598 tunnellata	61,6 %
09.4102	Ir-Regolament (KE) Nru 341/2007	1 113-il tunnellata	61,6 %
09.4157	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1979/2006 (16)	28 880 tunnellata	100 %
09.4193	Ir-Regolament (KE) Nru 1979/2006	1 520 tunnellata	100 %
09.4194	Ir-Regolament (KE) Nru 1979/2006	252 tunnellata	100 %
09.4158	Ir-Regolament (KE) Nru 1979/2006	4 779 tunnellata	100 %

Numru tal-Ordni tal-kwota tariffarja	Bażi legali/Regolament tal-Ftuħ	Kwantità ġdida għall-EU-27	Sehem tal-kwota tal-EU-27 (1)
09.4123	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1067/2008 (17)	571 943 tunnellata	99,99 %
09.4125	Ir-Regolament (KE) Nru 1067/2008	2 285 665 tunnellata	96,4 %
09.4133	Ir-Regolament (KE) Nru 1067/2008	129 577 tunnellata	100 %
09.4126	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2305/2003 (18)	306 812-il tunnellata	99,9 %
09.4131	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 969/2006 (19)	269 214-il tunnellata	96,8 %
09.4120 (20)	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1296/2008 (21)	500 000 tunnellata	100 %
09.4121 (22)	Ir-Regolament (KE) Nru 1296/2008	2 000 000 tunnellata	100 %
09.4122 (23)	Ir-Regolament (KE) Nru 1296/2008	300 000 tunnellata	100 %
09.4148	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1273/2011 (24)	1 416-il tunnellata	86,6 %
09.4127	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011	15 888 tunnellata	41 %
09.4128	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011	18 798 tunnellata	87,6 %
09.4129	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011	240 tunnellata	23,5 %
09.4130	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011	1 805 tunnellati	100 %
09.4138	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011	— (25)	—
09.4112	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011	4 682 tunnellata	84,9 %
09.4116	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011	990 tunnellata	41,5 %
09.4117	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011	1 458 tunnellata	82,4 %
09.4118	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011	1 370 tunnellata	85,9 %
09.4119	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011	3 041 tunnellata	88,5 %
09.4166	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011	22 442 tunnellata	88 %
09.4168	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011	26 581 tunnellata	83,6 %
09.4149	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011	48 729 tunnellata	93,7 %
09.4150	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011	14 993 tunnellata	93,7 %
09.4152	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011	10 308 tunnellati	93,7 %
09.4153	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011	8 434 tunnellata	93,7 %
09.4154	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011	11 245 tunnellata	93,7 %
09.4317	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009 (26)	4 961 tunnellata	50 %

Numru tal-Ordni tal-kwota tariffarja	Bażi legali/Regolament tal-Ftuħ	Kwantità ġdida għall-EU-27	Sehem tal-kwota tal-EU-27 (1)
09.4318 (sal-2023/2024)	Ir-Regolament (KE) Nru 891/2009	308 518-il (27) tunnellata	92,4 %
09.4318 (mill-2024/2025)	Ir-Regolament (KE) Nru 891/2009	380 555 (28) tunnellata	92,4 %
09.4319	Ir-Regolament (KE) Nru 891/2009	68 969 (29) tunnellata	100 %
09.4320	Ir-Regolament (KE) Nru 891/2009	260 390 (30) tunnellata	89,8 %
09.4321	Ir-Regolament (KE) Nru 891/2009	5 841 tunnellata	58,4 %
09.4329 (sal-2021/2022)	Ir-Regolament (KE) Nru 891/2009	72 037 (31) tunnellata	92,4 %
09.4329 (għall-2022/2023)	Ir-Regolament (KE) Nru 891/2009	54 028 (32) tunnellata	92,4 %
09.4330 (għall-2022/2023)	Ir-Regolament (KE) Nru 891/2009	18 009 (33) tunnellati	92,4 %
09.4330 (għall-2023/2024)	Ir-Regolament (KE) Nru 891/2009	54 028 (34) tunnellata	92,4 %
09.4079	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2012 (35)	1 000 tunnellata	100 %

(1) Għall-finijiet ta' preżentazzjoni, il-perċentwal tqarreb għal pożizzjoni deċimali waħda. Id-daqs tal-kwota tariffarja tal-EU-27 huwa, madankollu, ikkalkulat fuq il-bażi tal-perċentwal eżatt.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 593/2013 tal-21 ta' Ġunju 2013 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji għaċ-ċanga friska ta' kwalità għolja, imkessħa u ffriżata, u għal-laħam tal-buflu ffriżat (ĠU L 170, 22.6.2013, p. 32).

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 431/2008 tad-19 ta' Mejju 2008 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja tal-importazzjoni ta' laħam iffriżat tal-annimali bovini koperti mill-kodiċi NM 0202 u prodotti koperti mill-kodiċi NM 0206 29 91 (ĠU L 130, 20.5.2008, p. 3).

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 412/2008 tat-8 ta' Mejju 2008 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja għall-importazzjoni taċ-ċanga ffriżata għall-ipproċessar (ĠU L 125, 9.5.2008, p. 7).

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 748/2008 tat-30 ta' Lulju 2008 dwar il-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' kwota ta' tariffa tal-importazzjoni għal falda rqiqa ffriżata ta' annimali bovini fi ħdan il-kodiċi tan-NM 0206 29 91 (ĠU L 202, 31.7.2008, p. 28).

(6) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 442/2009 tas-27 ta' Mejju 2009 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur tal-laħam tal-majjal (ĠU L 129, 28.5.2009, p. 13).

(7) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1585 tad-19 ta' Settembru 2017 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-Unjoni għal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella u tal-majjal frisk u ffriżat li joriġina fil-Kanada u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 442/2009 u r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 481/2012 u (UE) Nru 593/2013 (ĠU L 241, 20.9.2017, p. 1).

(8) Għas-sena 2019, se titqassam biss il-parti tad-WTO ta' din il-kwota (5 549 tunnellata ta' ekwivalenti tal-piż tal-karkassa).

(9) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 533/2007 tal-14 ta' Mejju 2007 li jiftaħ u jamministra kwoti tariffarji fis-settur tal-laħam tat-tjur (ĠU L 125, 15.5.2007, p. 9).

(10) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1385/2007 tas-26 ta' Novembru 2007 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 774/94 f'dak li jirrigwarda l-ftuħ u l-ġestjoni ta' ċerti kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur tal-laħam tat-tjur (ĠU L 309, 27.11.2007, p. 47).

(11) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 536/2007 tal-15 ta' Mejju 2007 li jiftaħ u jamministra kwota tariffarja għal-laħam tat-tjur allokata għall-Istati Uniti tal-Amerika (ĠU L 128, 16.5.2007, p. 6).

(12) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 616/2007 tal-4 ta' Ġunju 2007 dwar il-ftuħ u l-mod ta' ġestjoni tal-kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur tal-laħam tat-tjur li joriġina mill-Brażil, it-Tajlandja u pajjiżi terzi oħra (ĠU L 142, 5.6.2007, p. 3).

(13) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 539/2007 tal-15 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji fis-settur tal-bajd u tal-albumina tal-bajd (ĠU L 128, 16.5.2007, p. 19).

(14) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2535/2001 tal-14 ta' Diċembru 2001 li jipprovdi regoli dettaljati biex ikun applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 rigward l-arranġamenti tal-importazzjoni tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib u biex jinfetħu kwoti tat-tariffa (ĠU L 341, 22.12.2001, p. 29).

(15) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 341/2007 tad-29 ta' Marzu 2007 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji u li jintroduċi sistema għal liċenzji tal-importazzjoni u ċertifikati ta' oriġini għat-tewm u għal ċerti prodotti agrikoli oħra importati minn pajjiżi terzi (ĠU L 90, 30.3.2007, p. 12).

(16) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1979/2006 tat-22 ta' Diċembru 2006 li jiftaħ u jipprevedi l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji għal faqqiegħ ippreservat importat minn pajjiżi terzi (ĠU L 368, 23.12.2006, p. 91).

(17) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1067/2008 tat-30 ta' Ottubru 2008 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffari Komunitarji għal qamħ komuni ta' kwalità differenti minn dik superjuri oriġinanti minn pajjiżi terzi u li tidderoga mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 290, 31.10.2008, p. 3).

(18) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2305/2003 tad-29 ta' Diċembru 2003 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffali għall-importazzjoni ta' xgħir minn pajjiżi terzi (ĠU L 342, 30.12.2003, p. 7).

(19) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 969/2006 tad-29 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi kwota tariffarja Komunitarja u mod għall-ġestjoni tagħha għall-importazzjoni tal-qamħirrum minn pajjiżi terzi (ĠU L 176, 30.6.2006, p. 44).

(20) L-Artikolu 185 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, il-Portugall.

(21) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1296/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' kwoti ta' tariffi għall-importazzjoni ta' qamħirrum u sorgu fi Spanja u importazzjoni ta' qamħirrum fil-Portugall (ĠU L 340, 19.12.2008, p. 57).

(22) L-Artikolu 185 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, Spanja.

(23) L-Artikolu 185 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, Spanja.

(24) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1273/2011 tas-7 ta' Diċembru 2011 li jiftaħ u li jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti ta' tariffi għall-importazzjoni ta' ross u ross miksur (ĠU L 325, 8.12.2011, p. 6).

(25) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1273/2011 jipprevedi li f'Ottubru ta' kull sena, il-kwantitajiet li jifdal li ma jkunux intużaw fis-subperjodi preċedenti għall-kwoti tariffarji tal-importazzjoni bin-numri tal-ordni 09.4127, 09.4128, 09.4129 u 09.4130 jiġu allokati erga omnes bin-numru tal-kwota tariffarja tal-importazzjoni 09.4138.

(26) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur taz-zokkor (ĠU L 254, 26.9.2009, p. 82).

(27) Dan il-volum jinkludi s-sehem korrispondenti tal-kwota tariffarja tal-importazzjoni erga omnes bin-numru 09.4320 allokata għall-Brażil bir-Regolament (KE) Nru 891/2009.

(28) Dan il-volum jinkludi s-sehem korrispondenti tal-kwota tariffarja tal-importazzjoni erga omnes bin-numru 09.4320 allokata għall-Brażil bir-Regolament (KE) Nru 891/2009.

(29) Dan il-volum jinkludi s-sehem korrispondenti tal-kwota tariffarja tal-importazzjoni erga omnes bin-numru 09.4320 allokata għal Kuba bir-Regolament (KE) Nru 891/2009.

(30) Dan il-volum tnaqqas mill-ishma korrispondenti allokati għall-Brażil u għal Kuba bir-Regolament (KE) Nru 891/2009.

(31) Dan il-volum jinkludi s-sehem korrispondenti tal-kwota tariffarja tal-importazzjoni erga omnes bin-numru 09.4320 allokata għall-Brażil bir-Regolament (KE) Nru 891/2009.

(32) Dan il-volum jinkludi s-sehem korrispondenti tal-kwota tariffarja tal-importazzjoni erga omnes bin-numru 09.4320 allokata għall-Brażil bir-Regolament (KE) Nru 891/2009.

(33) Dan il-volum jinkludi s-sehem korrispondenti tal-kwota tariffarja tal-importazzjoni erga omnes bin-numru 09.4320 allokata għall-Brażil bir-Regolament (KE) Nru 891/2009.

(34) Dan il-volum jinkludi s-sehem korrispondenti tal-kwota tariffarja tal-importazzjoni erga omnes bin-numru 09.4320 allokata għall-Brażil bir-Regolament (KE) Nru 891/2009.

(35) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2012 tas-7 ta' Ġunju 2012 li jiftaħ u jipprovdi għat-tmexxija ta' kwota ta' tariffa għal ross miksur (broken rice) ta' kodiċi NM 1006 40 00 għal produzzjoni ta' tħejjijiet tal-ikel ta' kodiċi NM 1901 10 00 (ĠU L 148, 8.6.2012, p. 1).

ANNESS II

Kwoti tariffarji ġestiti bil-metodu ta' "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel"

Numru tal-Ordni tal-kwota tariffarja	Bażi legali/Regolament tal-Ftuħ	Kwantità ġdida għall-EU-27	Sehem tal-kwota tal-EU-27 (1)
09.0114	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 438/2009 (2)	710 irjus	100 %
09.0115	Ir-Regolament (KE) Nru 438/2009	711-il ras	100 %
09.0113	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 437/2009 (3)	24 070 ras	100 %
09.0122	Ir-Regolament (KE) Nru 442/2009	15 067 tunnellata	100 %
09.0123	Ir-Regolament (KE) Nru 442/2009	6 133 tunnellata	100 %
09.0119	Ir-Regolament (KE) Nru 442/2009	7 000 tunnellata	100 %
09.0118	Ir-Regolament (KE) Nru 442/2009	3 780 tunnellata	75,6 %
09.0121	Ir-Regolament (KE) Nru 442/2009	6 161 tunnellata	100 %
09.0120	Ir-Regolament (KE) Nru 442/2009	164 tunnellata	5,5 %
09.2019 09.2181	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1354/2011 (4)	92 tunnellata	100 %
09.2011 09.2101 09.2102	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1354/2011	17 006 tunnellati	73,9 %
09.2012 09.2105 09.2106	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1354/2011	3 837 tunnellata	20 %
09.1922 09.2115 09.2116	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1354/2011	Għall-2019: 7 828 (5) tunnellata	87,6 %
09.0693 09.2125 09.2126	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1354/2011	48 tunnellata	48,3 %
09.2013 09.2109 09.2110	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1354/2011	114 184 tunnellata	50 %
09.2014 09.2111 09.2112	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1354/2011	4 759 tunnellata	82,1 %
09.2015 09.2171 09.2175	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1354/2011	200 tunnellata	100 %

Numru tal-Ordni tal-kwota tariffarja	Bażi legali/Regolament tal-Ftuħ	Kwantità ġdida għall-EU-27	Sehem tal-kwota tal-EU-27 (1)
09.2016 09.2178 09.2179	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1354/2011	178 tunnellata	89,2 %
09.0055	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1831/96 (6)	4 292 tunnellata	99,9 %
09.0094	Ir-Regolament (KE) Nru 1831/96	464 tunnellata	98,2 %
09.0056	Ir-Regolament (KE) Nru 1831/96	1 192 tunnellata	95,8 %
09.0059	Ir-Regolament (KE) Nru 1831/96	500 tunnellata	44,1 %
09.0057	Ir-Regolament (KE) Nru 1831/96	500 tunnellata	100 %
09.0035	Ir-Regolament (KE) Nru 1831/96	9 696 tunnellata	80,8 %
09.0708	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1475/2007 (7)	3 096 027 tunnellata	53,8 %
09.0126	Ir-Regolament (KE) Nru 1475/2007	0 tunnellati	0 %
09.0127	Ir-Regolament (KE) Nru 1475/2007	275 805 tunnellati	78,8 %
09.0128	Ir-Regolament (KE) Nru 1475/2007	124 552 tunnellata	85,5 %
09.0129	Ir-Regolament (KE) Nru 1475/2007	30 000 tunnellata	100 %
09.0130	Ir-Regolament (KE) Nru 1475/2007	1 691 tunnellata	84,6 %
09.0124	Ir-Regolament (KE) Nru 1475/2007	252 641 tunnellata	42,1 %
09.0131	Ir-Regolament (KE) Nru 1475/2007	4 985 tunnellata	99,7 %
09.0041	Ir-Regolament (KE) Nru 1831/96	85 958 tunnellata	95,5 %
09.0025	Ir-Regolament (KE) Nru 1831/96	20 000 tunnellata	100 %
09.0027	Ir-Regolament (KE) Nru 1831/96	14 931 tunnellata	99,5 %
09.0039	Ir-Regolament (KE) Nru 1831/96	8 156 tunnellata	81,6 %
09.0060	Ir-Regolament (KE) Nru 1831/96	885 tunnellata	59 %
09.0061	Ir-Regolament (KE) Nru 1831/96	666 tunnellata	95,7 %
09.0062	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1831/96	810 tunnellati	81 %
09.0058	Ir-Regolament (KE) Nru 1831/96	74 tunnellata	14,9 %
09.0063	Ir-Regolament (KE) Nru 1831/96	1 387 tunnellata	55,5 %
09.0040	Ir-Regolament (KE) Nru 1831/96	105 tunnellati	13,1 %
09.0092	Ir-Regolament (KE) Nru 1831/96	2 820 tunnellata	99,4 %
09.0033	Ir-Regolament (KE) Nru 1831/96	1 500 tunnellata	100 %
09.0093	Ir-Regolament (KE) Nru 1831/96	6 436 tunnellata	91,4 %

Numru tal-Ordni tal-kwota tariffarja	Bażi legali/Regolament tal-Ftuħ	Kwantità ġdida għall-EU-27	Sehem tal-kwota tal-EU-27 (1)
09.0067	Ir-Regolament (KE) Nru 1472/2003		0 %
09.0074	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2133/2001 (8)	50 000 tunnellata	100 %
09.0075	Ir-Regolament (KE) Nru 2133/2001	300 000 tunnellata	100 %
09.0076	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1064/2009 (9)	20 789 tunnellata	40,9 %
09.2905	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 440/96 (10)	20 000 tunnellata	100 %
09.2903	Ir-Regolament (KE) Nru 440/96	100 000 tunnellata	100 %
09.0090	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 937/2006 (11)	10 000 tunnellata	100 %
09.0071	Ir-Regolament (KE) Nru 2133/2001	888 tunnellata	68,3 %
09.0043	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2094/2004 (12)	231 tunnellata	2,3 %
09.0132	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1085/2010 (13)	6 632 tunnellata	82,9 %
09.0132	Ir-Regolament (UE) Nru 1085/2010	1 658 tunnellata	82,9 %
09.0072	Ir-Regolament (KE) Nru 2133/2001	458 068 tunnellata	96,4 %
09.0083	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011	5 tunnellati	66,7 %
09.0073	Ir-Regolament (KE) Nru 2133/2001	2 746 tunnellata	98,1 %
09.0070	Ir-Regolament (KE) Nru 2133/2001	2 670 tunnellata	98,9 %
09.0089	Ir-Regolament (KE) Nru 2133/2001	1 393 tunnellata	67,7 %
09.0097	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 218/2007 (14)	4 689 ettolitru	11,7 %
09.0095	Ir-Regolament (KE) Nru 218/2007	15 647 ettolitru	78,2 %
09.0098	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1518/2007 (15)	13 808 ettolitri	99,99 %

(1) Għall-finijiet ta' preżentazzjoni, il-perċentwal tqarreb għal pożizzjoni deċimali waħda. Id-daqs tal-kwota tariffarja tal-EU-27 huwa, madankollu, ikkalkulat fuq il-bażi tal-perċentwal eżatt.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 438/2009 tas-26 ta' Mejju 2009 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji Komunitarji għal barrin, baqar u erieħ, għajr dawk maħsuba għat-tbiċċir, ta' ċerti razez alpini u tal-muntanji (ĠU L 128, 27.5.2009, p. 57).

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 437/2009 tas-26 ta' Mejju 2009 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwota tariffarja Komunitarja għall-importazzjoni ta' annimali bovini maskili ta' età żgħira maħsuba għat-tismin (ĠU L 128, 27.5.2009, p. 54).

(4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1354/2011 tal-20 ta' Diċembru 2011 li jiftaħ il-kwoti tariffarji tal-Unjoni għan-nagħaġ, għall-mogħoż, għal-laħam tan-nagħaġ u għal-laħam tal-mogħoż (ĠU L 338, 21.12.2011, p. 36). Għall-kwoti tariffarji tan-nagħaġ miftuħa u ġestiti b'dan ir-Regolament, hemm għadd ta' numri tal-ordni tal-kwota tariffarja assoċjati ma' kwantità unika.

(5) Il-kwota tariffarja għaċ-Ċilì tiżdied b'200 tunnellata fis-sena.

(6) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1831/96 tat-23 ta' Settembru 1996 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi tal-Komunità stabbiliti taħt il-GATT għal ċerti frott u ħxejjex u frott ipproċessat u prodotti vegetali mill-1996 (ĠU L 243, 24.9.1996, p. 5).

(7) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1475/2007 tat-13 ta' Diċembru 2007 li jiftaħ kwota tariffarja tal-Komunità mill-2008 għall-manjoka li toriġina mit-Tajlandja (ĠU L 329, 14.12.2007, p. 15).

(8) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2133/2001 tat-30 ta' Ottubru 2001 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tat-tariffa tal-Komunità u limiti tat-tariffa fis-settur taċ-ċereali u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1897/94, (KE) Nru 306/96, (KE) Nru 1827/96, (KE) Nru 1970/96, (KE) Nru 1405/97, (KE) Nru 1406/97, (KE) Nru 2492/98, (KE) Nru 2809/98 u (KE) Nru 778/1999 (ĠU L 287, 31.10.2001, p. 12).

(9) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1064/2009 tal-4 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi kwota tariffarja Komunitarja u mod għall-ġestjoni tagħha għall-importazzjoni tax-xgħir tal-maltu minn pajjiżi terzi (ĠU L 291, 7.11.2009, p. 14).

(10) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 440/96 tal-11 ta' Marzu 1996 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi għal xi taħlitiet ta' żraġen tal-malt u eżamijiet tax-xgħir (ĠU L 61, 12.3.1996, p. 2).

(11) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 937/2006 tat-23 ta' Ġunju 2006 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja Komunitarja ta' gluten tal-qamħ li joriġina mill-Istati Uniti tal-Amerika (ĠU L 172, 24.6.2006, p. 9).

(12) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2094/2004 tat-8 ta' Diċembru 2004 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja ta' 10 000 tunnellata ta' qamħ tal-ħafur maħdum xort'oħra tal-kodiċi NM 1104 22 98 (ĠU L 362, 9.12.2004, p. 12).

(13) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1085/2010 tal-25 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi kwoti tariffarji annwali u mod għall-ġestjoni tagħhom għall-importazzjoni tal-patata ħelwa, tal-manjoka, tal-lamtu tal-manjoka u ta' prodotti oħra rilevanti għal kodiċijiet NM 0714 90 11 u NM 0714 90 19 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1000/2010 (ĠU L 310, 26.11.2010, p. 3).

(14) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 218/2007 tat-28 ta' Frar 2007 li jiftaħ u li jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi Komunitarji għall-inbejjed (ĠU L 62, 1.3.2007, p. 22).

(15) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1518/2007 tad-19 ta' Diċembru 2007 li jiftaħ u jipprevedi l-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja għall-vermut (ĠU L 335, 20.12.2007, p. 14).